# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMHALLFIN

## S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI
## ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 14 ta' Dicembru, 2018**

**Numru 4**
**Rikors numru 33/2017/1 JZM**

***General Workers' Union***

***v.***

**L-Avukat Ġenerali; Onorevoli Kap tal-Oppożizzjoni Dottor Simon Busuttil, Onorevoli Dottor Beppe Fenech Adami, Onorevoli Dottor Mario De Marco, Onorevoli Dottor Anthony Abela, Onorevoli David Agius, Onorevoli Robert Arrigo, Onorevoli Frederik Azzopardi, Onorevoli Dr Jason Azzopardi, Onorevoli Perit Anthony Bezzina, Onorevoli Charlo Bonnici, Onorevoli Antoine Borg, Onorevoli Claudette Buttiġieġ, Onorevoli Ryan Callus, Onorevoli Robert Cutajar, Onorevoli Kristy Debono, Onorevoli Tonio Fenech, Onorevoli Perit Ċensu Galea, Onorevoli Mario Galea, Onorevoli Dr Michael Gonzi, Onorevoli Dr Karl Gouder, Onorevoli Claudio Grech, Onorevoli Dr Peter Micallef, Onorevoli Dr Carmelo Mifsud Bonnici, Onorevoli Dr Paula Mifsud Bonniċi, Onorevoli Dr Marthese Portelli, Onorevoli Clyde Puli, Onorevoli Perit George Pullicino, Onorevoli Dr Christopher Said, Onorevoli Dr Stephen Spiteri, Onorevoli Edwin Vassallo, Onorevoli Dr Francis Zammit Dimech; Kummissarju tal-Artijiet; *Sciacca Grill Limited* (C50533); *Automated Revenue Management Services Limited* (C 46054) għal kull interess li jista' jkollhom**

1. Dan huwa appell tal-*General Workers' Union* minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha fl-14 ta' Diċembru 2017 li ċaħdet talba tal-istess *union* għal dikjarazzjoni illi n-nuqqas ta' rikuża tal-imħallef li qiegħda tisma' kawża fl-ismijiet Onorevoli Kap tal-Oppożizzjoni Dr Simon Busuttil *et v.* Josef Bugeja *noe et*" (rikors ġuramentat numru 109/2017) huwa bi ksur jew jista' jwassal għal ksur tal-jedd tagħha għal smigħ xieraq, imħares taħt l-art. 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta [il-"Kostituzzjoni"] u l-art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali [il-"Konvenzjoni"].

2. Il-fatti rilevanti huma dawn: l-Onorevoli Kap tal-Oppożizzjoni Dr Simon Busuttil u diversi membri oħra tal-Kamra tad-Deputati kienu fetħu kawża kontra l-*General Workers' Union,* fost konvenuti oħra.[1] F'dik il-kawża l-atturi qegħdin jitolbu lill-qorti sabiex, prevja dikjarazzjonijiet, tħassar u tannulla l-konċessjoni enfitewtika li l-*union* għandha fir-rigward tal-kwartieri tagħha ġewwa l-Belt Valletta.

3. Ir-rikorrenti fil-kawża hawn fuq imsemmija huma assistiti mill-Avukat Edward DeBono – *senior partner* tad-ditta ta' l-avukati

[1] Il-proċeduri ċivili li nfetħu huma dawk fl-ismijiet Onorevoli Kap tal-Oppożizzjoni Dr Simon Busuttil *et v.* Josef Bugeja *et* (rik. ġur. nru 109/2017 JPG).

*Fenech & Fenech Advocates*[2] – u mill-Prokuratriċi Legali Katrina Zammit Cuomo – impjegata tal-istess ditta. Bħala *senior partner* ieħor tal-imsemmija ditta hemm l-avukat Kenneth Grima[3] li jiġi ħu l-imħallef li qiegħda tisma' l-kawża in kwistjoni.[4] L-istess imħallef tiġi wkoll oħt prokuratriċi legali oħra li taħdem mal-istess ditta – il-Prokuratriċi Legali Rowena Grima[5] – u tiġi wkoll mir-raġel tal-*managing partner* tal-istess ditta, l-Avukat Ann Fenech.[6] Peress li dehrilha li kemm-il darba tkun dik l-imħallef li tisma' u tiddeċiedi l-każ ma jkunx qed jiġi sodisfatt il-kriterju ta' imparzjalità sostanzjali impost kemm mill-Kostituzzjoni kif ukoll mill-Konvenzjoni, il-*General Workers Union* b'rikors tat-13 ta' Frar 2017 talbet ir-rikuża tal-imħallef sedenti.[7] Il-qorti, b'digriet tal-10 ta' April 2017, ċaħdet din it-talba tal-*union*.[8]

4. Billi dehrilha illi ċ-ċaħda tar-rikuża tikser il-jedd tagħha għal smigħ xieraq, jew tista' twassal għal ksur ta' dak il-jedd, għax l-imħallef li sejra tkompli tisma' l-kawża m'hijiex imparzjali b'mod oġġettiv, il-*union* fetħet din il-kawża tallum u talbet illi l-qorti:

> "1.tiddikjara li hemm jew jista' jkun hemm ksur tad-drittijiet fundamentali ta' smigħ xieraq a bażi tal-art. 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-art. 6 tal-Konvenzjoni dwar Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem (kif inkorporata fil-liġi tagħna a tenur tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta) *in vista* tan-nuqqas ta' imparzjalità oġġettiva tal-ġudikant Imħallef Onorevoli Jacqueline Padovani Grima fil-kawża fl-ismijiet Onorevoli Kap tal-Oppożizzjoni Dr Simon Busuttil *et v.* Joseph Bugeja *noe et* (rik. ġur. nru 109/2017 JPG);

[2] Ara *fol*. 151 tal-proċess.
[3] Ara *fol* 151 tal-proċess.
[4] Ara *foll* 29, 151 tal-proċess.
[5] Ara *fol.* 151 tal-proċess.
[6] Ara *foll.* 30, 151 tal-proċess.
[7] Ara *fol.* 88 sa 93 tal-proċess.
[8] Ara *foll.* 161 sa 185 tal-proċess.

"2.konsegwentement tordna r-rikuża tal-Imħallef Onorevoli Jacqueline Padovani Grima fil-kawża msemmija;

"3.tagħti dawk l-ordnijiet u r-rimedji li jidhrilha xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi;

"Bl-ispejjeż u b'riserva ta' kull dritt u azzjoni fil-liġi."

5. L-ewwel qorti qatgħet il-kawża billi, wara li ddisponiet minn xi eċċezzjonijiet preliminari, ċaħdet it-talbiet tar-rikorrenti.

6. Ir-raġunijiet li wasslu lill-ewwel qorti għal din id-deċiżjoni, safejn relevanti għal dan l-appell, ġew imfissra hekk:

III.Il-kwistjoni

"Il-kwistjoni tirrigwarda talba li qiegħda ssir lil din il-qorti sabiex tiddikjara li hemm jew jista' jkun hemm ksur tad-drittijiet fundamentali ta' smigħ xieraq tar-rikorrenti a bażi tal-art. 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ("il-Kostituzzjoni") u tal-art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali ("il-Konvenzjoni") minħabba nuqqas ta' imparzjalità oġġettiva tal-Imħallef Onorevoli Jacqueline Padovani Grima li qegħda tisma' l-kawża fl-ismijiet Onorevoli Kap tal-Oppożizzjoni Dr Simon Busuttil *et v.* Josef Bugeja *noe et* (rik. ġur. nru 109/2017 JPG). Għalhekk saret talba sabiex din il-qorti tordna r-rikuża tal-istess onorevoli mħallef fil-kawża imsemmija.

"… … …

"VI. Il-mertu

"1. Dritt

"Il-parti rilevanti tal-art 6(1) tal-Konvenzjoni taqra hekk:-

> "Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u ta' l-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi."

"Il-parti rilevanti tal-art 39 Kostituzzjoni huma s-subartikolu (1) u (2) li jipprovdu hekk:-

> "(1)Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi.
>
> "(2)Kull qorti jew awtorità oħra ġudikanti mwaqqfa b'liġi għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili għandha tkun indipendenti u imparzjali; u

> meta l-proċeduri għal deċiżjoni bħal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorità oħra ġudikanti bħal dik, il-każ għandu jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli.

"L-allegata vjolazzjoni lamentata mir-rikorrenti tirrigwarda l-imparzjalità tal-imħallef sedenti fil-kawża fuq riferita.

"Fil-Kap 12, ir-rikuża jew l-astensjoni ta' mħallef huma regolati bl-art 733 u l-art 734.

"2.<u>Ġurisprudenza u dottrina</u>

"… … …

"3.<u>Riżultanzi</u>

"Il-qorti tibda billi tgħid illi minn qari tal-art. 734 tal-Kap. 12, ma jirriżultax illi dak li qiegħda tilmenta minnu r-rikorrenti jaqa' taħt xi waħda mid-disposizzjonijiet, lanqas is-subinċiżi (*f*) u (*g*), tas-sub-artikolu (1). Infatti fil-każ tal-lum, la xi avukat involut fil-każ, u lanqas xi prokuratur legali, m'għandhom l-ebda relazzjoni ta' parentela mal-Imħallef Padovani Grima.

"Il-qorti tagħmel referenza għal dak li saħqet din il-qorti hekk kif diversament presjeduta fil-kawża fl-ismijiet <u>Anthony Giorgio *noe* v. *Tristar Freight Services Limited*</u> (nru 243/2012 JPG).

"Hemm il-qorti kienet mitluba tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-vertenza peress li r-rikorrent f'dik il-kawża kien assistit minn avukat li kienet in-neputija tal-imħallef sedenti.

"Il-qorti tat digriet fil-25 ta' April 2013 fejn ċaħdet it-talba peress li "art. 734(1)(*a*) jitkellem fuq il-familjarità mal-partijiet, waqt li art. 734(1)(*g*) tal-Kap. 12 teskludi biss "hu jew oħt l-istess ġudikant".

"Dan premess, din il-qorti tikkonċedi li jista' jkun hemm ċirkostanzi fejn, minkejja li raġuni għall-astensjoni jew ir-rikuża ta' ġudikant ma tkunx taqa' taħt xi waħda mid-disposizzjonijiet tal-Kap. 12, jista' jkun hemm raġunijiet tajbin biżżejjed f'kuntest aktar wiesa; sabiex ġudikant ma jibqax jisma' kawża sabiex ikun hemm serħan tal-moħħ li fit-trasparenza qiegħed jitħares il-jedd ta' smigħ xieraq ta' xi parti fil-kawża.

"F'ċirkostanzi bħal dawn, l-imparzjalità personali ta' ġudikant kienet dejjem preżunta salv għal prova kuntrarja. Ladarba persuna tinħatar bħala ġudikant, dik il-persuna tibqa' preżunta bħala imparzjali, u li sejra taġixxi b'imparzjalità dejjem. Tant dan huwa hekk illi l-istitut tar-rikuża jew ta' l-astensjoni ta' ġudikant jinbena fuq il-presuppost li l-ġudikant li quddiemu titressaq kawża la huwa parzjali u lanqas korrott u li fuq kollox huwa d-dmir tiegħu u mhux sempliċi privileġġ jew favur li huwa jisma' u jaqta' kull kawża li titressaq quddiemu.

"Dan premess, niġu għall-każ tal-lum.

"Fil-każ odjern, irriżulta li ħu l-Imħallef Jacqueline Padovani Grima u *cioè* l-Av. Kenneth Grima, huwa *partner* fid-ditta ta' avukati *Fenech & Fenech*.

"Irriżulta li din id-ditta timpjega għadd ta' avukati.

"Irriżulta wkoll illi l-Av. Kenneth Grima kemm bħala persuna kif ukoll bħala avukat direttament m'għandu l-ebda involvement ta' xi xorta fil-kawża bin-nru 109/2017 JPG.

"Dan l-aħħar fatt huwa mill-aktar evidenti.

"Sar ilment ukoll il-posizzjoni tal-P.L. Rowena Grima u tal-Av. Dr Ann Fenech.

"Huwa fatt ippruvat illi dawn il-persuni mhux involuti fil-każ li għandha quddiemha l-Imħallef Padovani Grima.

"Fil-fehma ta' din il-qorti, kemm għal dak li jirrigwarda t-test oġġettiv u kif ukoll dak soġġettiv, il-fattur li jagħti lok għal dubju dwar imparzjalità ta' qorti għandu jkun wieħed gravi.

"… … …

"Premess dan kollu, hija l-fehma konsiderata ta' din il-qorti illi fil-każ tal-lum ir-relazzjoni tal-ġudikant fil-kawża in kwistjoni (fis-sens mill-aktar wiesa' tal-kelma) ma' *partner* jew ma' impjegata fid-ditta ta' avukati li qed jippatroċinaw lil xi intimati fil-kawża in kwistjoni hija bil-wisq remota sabiex iġġib magħha dubju leġittimu dwar l-imparzjalità tal-qorti, u dan kemm għall-fini tat-test soġġettiv kif ukoll għal dak oġġettiv.

"Fil-fehma tagħha, daqstant konsiderata, din il-qorti tgħid illi fil-każ tal-lum ma hemmx fatti jew ċirkostanzi daqstant gravi jew impellenti li jagħtu lok għal dubji serji li l-ġudikant mhijiex sejra tkun imparzjali.

"Il-qorti m'għandhiex dubju li fil-każ tal-lum xejn ma ser iġib fix-xejn l-aforisma: *justice seen to be done.*

"Fil-każ tal-lum, it-tħassib dwar parzjalità tal-ġudikant huwa insuffiċjenti proprju għaliex dak it-tħassib – jew biża' – sejjaħlu li trid – huwa infondat.

"Il-qorti trid timxi fuq il-provi, u fuq dawn trid issawwar il-konsider-azzjonijiet tagħha.

"Din il-qorti tistqarr illi ma tressqet l-ebda prova – meqjusa bil-kejl oġġettiv – li l-Imħallef sedenti bil-kondotta tagħha tat xi ħjiel li qiegħda turi xi preġudizzju reali u attwali kontra r-rikorrenti jew li tagħti lok li jqum dubju leġittimu ta' tali preġudizzju.

"Il-fatt waħdu li l-Imħallef sedenti għandha konnessjoni familjari ma' xi membri tad-ditta legali li tippatroċina lil xi intimate fil-kawża in kwistjoni, liema persuni bl-aktar mod assolut mhux involuti fil-kawża, la jista' u lanqas għandu joħloq dubju dwar imparzjalità sal-grad rikjest mid-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni ċitati mir-rikorrenti.

"Il-qorti għandha moħħha mistrieħ illi *ex lege* hemm biżżejjed garanziji fil-liġi stess illi jiżguraw li l-proċess ġudizzjarju jimxi u jiġi deċiż bil-massima serenità għall-partijiet u kif trid il-liġi.

> "Il-qorti ma tarax illi hemm jew x'aktarx li jista' jkun hemm ksur tad-drittijiet fundamentali ta' smigħ xieraq tar-rikorrenti skont l-art. 39 tal-Kostituzzjoni u l-art. 6 tal-Konvenzjoni abbażi tal-fatt illi xi intimat fil-kawża tal-lum huma patroċinati mid-ditta *Fenech & Fenech*, liema ditta għandha (i) bħala *senior partner* lill-Av. Kenneth Grima li jiġi ħu l-Onor. Imħallef Padovani Grima; u (ii) lill-P.L. Rowena Grima li wkoll tiġi oħt l-Onor. Imħallef Padovani Grima.
>
> "Lanqas ma tara li hemm jew li jista' jkun hemm ksur tad-dritt fondamentali għal smigħ xieraq bil-fatt li l-Imħallef Padovani Grima għandha xi relazzjoni familjari distanti – *per dire il meno* – ma' Dr Ann Fenech."

7. Minn din is-sentenza appellat il-*General Workers Union* b'rikors tat-3 ta' Jannar 2018 li għalih wieġbu l-Avukat Ġenerali fit-8 ta' Jannar 2018, is-soċjetà *Automated Revenue Management Services Limited* fil-15 ta' Jannar 2018 u l-Kummissarju tal-Artijiet fit-18 ta' Jannar 2018. Il-konvenuti l-oħra ma weġbux.

8. Permezz ta' l-uniku aggravju tagħha, l-*General Workers Union* targumenta illi l-ewwel qorti waslet għal konklużjoni żbaljata meta ma sabet l-ebda ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq *ai termini* tal-art. 39 tal-Kostituzzjoni u tal-art. 6 tal-Konvenzjoni fiċ-ċirkostanzi tal-każ odjern. Skond l-istess *union*, jeżistu dawk ir-rabtiet u d-dubji biżżejjed li jdgħajjfu l-fiduċja fl-imparzjalità tal-ġudikant l-Onorevoli Mħallef Jacqueline Padovani Grima fil-kawża fl-ismijiet Onorevoli Kap tal-Oppożizzjoni Dr Simon Busuttil *et v.* Josef Bugeja noe et" (rik. ġur. nru 109/2017 JPG). Konsegwentement, skond l-istess *union*, jekk din l-imħallef tkompli tisma' l-kawża u sussegwentement tiddeċiediha, ser ikun hemm ksur tad-dritt

tagħha għal smigħ xieraq. Tfisser dan l-uniku aggravju tagħha b'dan il-mod:

> "Illi l-aggravju tal-esponenti huwa ċar u manifest u jikkonsisti filli l-ewwel qorti kienet żbaljata meta qieset li mhemmx leżjoni tal-jedd ta' smigħ xieraq a bażi tal-art. 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-art. 6 tal-Konvenzjoni dwar Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem (kif inkorporata fil-liġi tagħna a tenur tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta) *in vista* tan-nuqqas ta' imparzjalità oġġettiva tal-ġudikant l-Onorevoli Mħallef Jacqueline Padovani Grima fil-kawża fl-ismijiet "Onorevoli Kap tal-Oppożizzjoni Dr Simon Busuttil *et v.* Josef Bugeja *noe et* (rik. ġur. Nru: 109/2017 JPG).
>
> "Illi qabel ma tibda titratta dan l-aggravju, l-esponenti taqbel mal-prinċipji li kkwotat l-ewwel qorti u cjoè li anke jekk skont l-art. 733 u 734 tal-Kap. 12 ma jkunx hemm lok għal rikuża ta' mħallef, anzi jista' jkun hemm divjiet ta' astensjoni, tista' tinħoloq sitwazzjoni fejn ikun hemm konflitt mad-drittijiet fundamentali tal-persuna, bil-konsegwenza li l-ħarsien ta' dawn id-drittijiet li huma wkoll tutelati bil-liġi għandhom jipprevalu fuq id-disposizzjonijiet tal-liġi ordinarja. *Inoltre* il-parametri ta' dawk il-liġijiet li jirregolaw ir-rikuża għandhom jitqiesu li twessgħu bil-provvedimenti tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni li jiggarantixxu smiegħ xieraq;
>
> "Illi din l-onorabbli qorti, suprema f'dan il-pajjiż, kellha l-opportunità li tispjega r-rekwiżiti ta' rikuża a bażi tal-imparzjalità tal-imħallef sedenti f'kawża. Fil-kawża fl-ismijiet Lawrence Grech *et v.* L-Avukat Ġenerali *et* deċiża fis-7 ta' Marzu 2017, din l-onorabbli qorti irriteniet li f'każijiet ta' din ix-xorta, dak li huwa determinanti għall-każ huwa jekk "dak il-biża' jew dik il-perċezzjoni huwiex imsejjes fuq konsiderazzjonijiet oġġettivi hekk li persuna raġonevoli u mingħajr preġudizzji tagħha tasal biex hi wkoll ikollha dubji dwar l-imparzjalità tal-ġudikant". Fit-terminu 'konsiderazzjonijiet oġġettivi' fissret li jaqgħu wkoll apparenzi li jistgħu joħolqu dubji. Jekk dawn l-apparenzi huma tali li f'persuna raġonevoli u mingħajr wisq tiġbid jagħtu x'taħseb li hemm dawk ir-rabtiet, id-dubju dwar l-imparzjalità tal-imħallef jista' jikkwalifika bħala dubju oġġettivament ġustifikat u għalhekk ikun jimmerita li l-ġudikant ma jkomplix jisma' l-każ. F'din is-sentenza din l-onorabbli qorti marret *oltre* u saħansitra qalet li huwa biżżejjed li tiddgħajjef il-fiduċja fl-imparzjalità tal-ġudikat sabiex ikun hemm ksur tad-drittijiet kostituzzjonali u konvenzjonali ta' parti;
>
> "Illi fl-osservazzjonijiet dwar dan il-mertu, l-ewwel onorabbli qorti ċċitat estensivament ġurisprudenza relatata ma' din it-tema iżda l-ebda każ ċitat ma jinkwadra fil-fatti tal-każ odjern. Din il-limitazzjoni hija wkoll preżenti fil-kitbiet dwar tal-art. 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-art. 6 tal-Konvenzjoni dwar Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem. L-esponenti tagħmel riferenza għal letteratura ċitata mill-Ewwel Qorti u cjoè l-kitba ta' Leslie W. Abramson *The Judge's Relative is Affiliated with Counsel of*

*Record: The Ethical Dilemma*, *Vol. 32, Issue 4, Hofstra Law Review 2004* u kitba ta' Cynthia Gray *Disqualification issues – When a Judge is related to a lawyer, State Justice Institute, 2001, American Judicature Society*;

"Illi dawn iż-żewġ awturi jittrattaw propju l-kwistjoni li għandha quddiemha din l-onorabbli qorti llum u cjoè meta membru familjari tal-imħallef sedenti f'kawża huwa parti minn ditta ta' avukati li qed tirrappreżenta lil xi ħadd mill-partijiet, għandu jkun hemm rikuża tal-Imħallef sedenti jekk il-membru familjari mhuwiex qed jirrappreżenta direttament lill-parti?;

"Illi ż-żewġ awturi jammettu li din il-kwistjoni mhijiex waħda sempliċi u l-posizzjoni fl-Istati Uniti għadha mhijiex konsolidata. Minkejja dan hemm qbil li għandhom jittieħdu in kunsiderazzjoni ċertu fatturi sabiex jiġi stabbilit jekk għandux ikun hemm ir-rikuża. Fost il-fatturi li għandhom jittieħdu in kunsiderazzjoni hemm in-natura tal-kawża, il-kariga li jittedjeni l-membru familjari tal-imħallef sedenti fid-ditta u l-kobor tad-ditta. *Stante* li dawn huma fatturi oġġettivi, dawn għandhom jiġu applikati għall-każ ta' llum u dan għaliex minkejja li l-fatturi ġew imsemmija f'ambitu ta' rikuża fl-Istati Uniti għandhom jiġu kkunsidrati għal fini ta' dan l-appell *stante* li l-kwistjoni ta' rikuża mhijiex kwistjoni *sui generis* tas-sistema legali Maltija. Ġjaladarba l-biża' tal-esponenti hija dwar l-imparzjalità oġġettiva u mhux suġġettiva, jekk l-istess fatti jimbtu f'pajjiż jew stat ieħor l-imparzjalità ser tkun xorta waħda evidenti;

"Illi hawnhekk ta' min jagħmel riferenza għas-sentenza fl-ismijiet *SCA Services Inc. V. Morgan*" deċiża mid-*District Court for the Southern District of Illinois, Northern Division* (u kwindi qorti ta' ġurisdizzjoni federali Amerikana) f'Ġunju 1977 ċitata mill-awtur Ronald Rotunda.

"Din is-sentenza tittratta każ identiku għal dak odjern u cjoè r-rikuża ta' mħallef f'sitwazzjoni fejn ħu l-imħallef sedenti, għad li ma kienx patroċinanti fil-kawża, kien *partner* fid-ditta li kienet qed tirrappreżenta waħda mill-partijiet. Dwar din il-kwistjoni il-qorti federali ordnat ir-rikuża tal-imħallef sedenti a bażi ta' żewġ konsiderazzjonijiet:-

"i. minkejja li ħu l-imħallef ma kienx qiegħed jippatroċinja lil xi waħda mill-partijiet, xorta kien ser jipparteċipa fil-qligħ tad-drittijiet ġenerati mill-kawża spettanti lid-ditta li huwa kien jaħdem magħha (bħall-każ odjern – ara x-xiehda tal-Avukat Ann Fenech tal-4 ta' Lulju 2017); u

"ii. *in vista* tal-fatt li l-imħallef sedenti u l-avukat fid-ditta kienu aħwa wieħed raġonevolment jista' jassumi li aħwa għandhom relazzjoni mill-qrib u familjari u għalhekk huwa probabli li jappoġġaw l-interessi ta' xulxin. Dan iqajjem dubju raġonevoli dwar l-imparzjalità tal-imħallef li qed jisma' l-kawża;

"Illi f'din is-sentenza jingħad:-

> ""The third reason suggested for Judge Morgan's dis-qualification is that the judge's impartiality might

> reasonably be questioned under the broad and liberal purposes sought to be achieved by 28 U.S.C. § 455(a). Although the statute enunciates the appearance of partiality as the general standard for judicial recusal and the legislative history suggests that this standard is determined by reference to the reasonable person, no factual or concrete examples of the appearance of impartiality were provided in the Congressional debates. Moreover, because a judge must apply the standard both as its interpreter and its object, the general standard is even more difficult to define. In spite of the philosophical dilemma created by this objective-subjective conundrum, it is clear to this Court that there exists a reasonable basis for the finding of the appearance of partiality under the facts and circumstances of this case.
>
> »“This appearance of partiality begins with the natural assumption that brothers enjoy a close personal and family relationship and, consequently, would be inclined to support each other’s interests. When one brother is a lawyer in the firm representing a party before his brother who is the judge in the case, the belief may arise in the public’s mind that the brother’s firm and its clients will receive favored treatment, even if the brother does not personally appear in the case.”

“Illi l-esponenti hija konxja li fil-ġurisdizzjoni tagħna riferenza għal każijiet tal-Istati Uniti mhijiex daqshekk komuni iżda hawnhekk ġie applikat it-test li jiġi applikat mill-qrati tagħna f’każ ta’ imparzjalità oġġettiva u cjoè il-fatti kif jidhru f’għajnejn persuna raġonevoli. Ġjaladarba l-fatti huma identiċi u ġie applikat l-istess test l-esponenti tistaqsi x’inhi r-raġuni li l-ewwel qorti r-relazzjoni tal-imħallef sedenti fil-kawża ċivili mad-ditta *Fenech & Fenech* ġiet kunsidrata bħala “remota” u li saħansitra tammonta bħala “infondata” meta għall-Qorti tal-Appell tal-Istati Uniti il-każ odjern jikkwalifika għal rikuża;

“Illi dan qiegħed jingħad b’riferenza għall-unika distinzjoni li hemm bejn il-każ odjern u dak kwotat tal-Istati Uniti li hija li l-imparzjalità oġġettiva trid tistħarreġ minn persuna raġonevoli fis-soċjetà Maltija – soċjetà li minnha nfisha hija bbażata fuq l-importanza tal-familja u li twassal għal dak li l-antropologu Jeremy Boissevain (wara studju li ġie fi tmiemu wara ħamsin sena) jiddeskriviha li twassal għall-fenomenu imsejjaħ *amoral familism.* L-awtur Dr Adrian Grima fil-kitba tiegħu jgħid:-

> “... It is, still, the paramount point of reference and people still pride themselves on the strength of the family and loyalty to the family is a fundamental and cherished value. But Boissevain also argues that this leads to what some have called amoral familism. Although many would call it a highly moral form of behaviour. Most Maltese hold that any action undertaken to benefit one’s family is justifiable, and

> that other people behave similarly; this set of values is widespread in Malta and in southern Europe and leads to a disregard of the effects on others of your action to further the interests of your family – on neighbours, strangers, and future generations. 'Family and party loyalty feed another characteristic of Maltese life, the endemic patronage, clientelism, nepotism and the real and imagined network of friends-of-friends that can be mobilized to solve the problems of daily life'."

"Illi meta wieħed jikkunsidra l-fatti odjerni fid-dawl ta' dan l-istudju – studju li wara kollox jiddeskrivi proprju s-soċjetà Maltija – l-esponenti ssibha ferm diffiċli kif l-ewwel qorti setgħet tiġġustifika n-nuqqas ta' rikuża *stante* li hemm dawk ir-rabtiet u d-dubji biżżejjed li jdgħajjfu l-fiduċja fl-imparzjalità tal-ġudikant l-Onorevoli Imħallef Jacqueline Padovani Grima;

"Illi jsegwi (fl-umli fehma tal-esponenti) li l-biża' tal-esponenti hija ġustifikata u hemm lok għal rimedju kostituzzjonali;"

9. L-Avukat Ġenerali wieġeb hekk għall-appell tal-*General Workers Union*:

"L-appellat jibda biex jissottometti li huwa prinċipju stabbilit kemm fil-ġurisprudenza nostrana u dik tal-Qorti Ewropea li l-prinċipju ta' imparzjalità huwa msejjes fuq żewġ binarji: it-test soġġettiv u t-test oġġettiv. L-appell odjern jittratta biss allegat ksur tat-test oġġettiv...

"L-appellat jirrileva illi għal dak li jirrigwarda t-test oġġettiv li fuqu huwa bbażat l-appell in risposta, dak li jrid jintwera huwa li jkun hemm biża' li ġudikant ma jkunx imparzjali; madankollu l-biża' esternata mhijiex waħda deċiżiva sakemm tali biża' ma tkunx oġġettivament ġustifikata.

"… Illi għalhekk il-prinċipju ta' imparzjalità oġġettiva ta' ġudikant ma jiddependix fuq l-opinjoni ta' parti f'kawża u dan peress li ġudikant huwa dejjem preżunt li huwa imparzjali.

"Illi kif ben osservat l-ewwel qorti fis-sens illi "Din il-qorti tistqarr illi ma tressqet l-ebda prova – meqjusa bil-kejl oġġettiv – li l-imħallef sedenti bil-kondotta tagħha tat xi ħjiel li qiegħda turi xi preġudizzju reali u attwali kontra r-rikorrenti jew li tagħti lok li jqum dubju leġittimu ta' tali preġudizzju". Fil-fehma tal-appellat, il-fatt waħdu li l-imħallef hija parentata ma' avukati fl-istess ditta ta' avukati li qegħdin jieħdu ħsieb il-kawża ċivili, mingħajr fatturi oħra preġudizzjevoli konkomitanti, ma joħolqux tali dubju sal-grad rikjest mill-artikoli kostituzzjonali u konvenzjonali fuq ċitati. Għall-kuntrarju, mill-provi prodotti u senjatament mix-xiehda mogħtija minn Dr Ann Fenech waqt is-seduta tal-4 ta' Lulju 2017 iddikjarat b'mod ċar li hija ma għandha l-ebda parentela la ta' demm u lanqas ta' żwieġ mal-Imħallef Padovani Grima. In kontro-eżami

kkonfermat li qatt ma tqajmet il-kwistjoni ta' rikuża tal-Imħallef Padovani Grima f'kawżi li tassisti d-ditta *Fenech & Fenech* u kkonfermat ukoll li l-kawżi li kellha d-ditta quddiem l-Imħallef Padovani Grima mhux dejjem ġew konklużi favur l-istess ditta.

"Illi fl-appell in risposta, l-appellant qiegħda tistrieħ fuq is-sentenza ta' dina l-onorabbli qorti fl-ismijiet Lawrence Grech *et v.* L-Avukat Ġenerali *et* deċiża fis-7 ta' Marzu 2017 u targumenta li huwa biżżejjed li tiddgħajjef il-fiduċja fl-imparzjalità tal-ġudikant sabiex twassal għal leżjoni tad-dritt għal smigħ xieraq. L-appellat jissottometti li d-deċiżjoni fil-kawża ċitata kienet tikkonċerna fattispeċie partikolari fejn ir-rabtiet tal-ġudikant bħala president ta' assoċjazzjoni u l-Arċidjoċesi kienu rabtiet diretti u li kienu b'dawk ir-rabtiet diretti li dgħajjfet il-fiduċja fl-imparzjalità tal-ġudikant. Il-fatti tal-kawża odjerna huma differenti u dan *stante* li r-rabtiet li minnhom qiegħda tilmenta l-appellanti huma rabtiet ma' persuni li mhumiex involuti fil-kawża ċivili. Illi ċertament li fil-kawża odjerna osservatur oġġettiv qatt ma jista' jipperċepixxi nuqqas ta' imparzjalità oġġettiva bħal ma ġara fil-każ ta' Lawrence Grech.

"Illi l-appellanti tagħmel ukoll riferenza għall-pubblikazzjonijiet li minnhom tiċċita l-ewwel qorti kif ukoll tagħmel riferenza għal sentenza mogħtija fil-kuntest ta' rikuża mill-qorti tal-Istati Uniti. Illi l-awturi ċitati mill-qorti għamluha ċara li l-fatt li l-imħallef ikun imparentat ma' xi avukat f'ditta ta' avukati li jkun qiegħed jippatroċinja f'każ quddiem dak l-imħallef ma jġibx bħala konsegwenza awtomatika l-iskwalifika ta' dak l-imħallef milli jisma' l-każ. Illi l-appellant ma wrietx li f'każ li l-kawża ċivili mertu tal-kawża odjerna ser tintrebaħ il-persuni parentati mal-imħallef ser jirċievu xi *bonus* speċjali jew dwar in-numru ta' kawżi li d-ditta għandha quddiem din l-imħallef partikolari jew li l-kawżi li nstemgħu quddiem din l-imħallef li jinvolvu din id-ditta ta' avukati dejjem ġew deċiżi favur il-klijenti tad-ditta.

"Illi kif ben osservat l-ewwel qorti "Fil-fehma ta' din il-qorti, kemm għal dak li jirrigwarda t-test oġġettiv u kif ukoll dak soġġettiv, il-fattur li jagħti lok għal dubju dwar imparzjalità ta' qorti għandu jkun wieħed gravi". Illi l-appellat jissottometti li l-appellant ma rnexxilhiex turi kif l-imħallef li qiegħda tisma' l-kawża ċivili ma tissodisfax it-test oġġettiv: l-argumenti tal-appellant jirrigwardaw biss perċezzjoni u mhux biża'. L-appellat huwa tal-fehma li l-perċezzjoni waħidha mhix biżżejjed iżda jrid ikun hemm biża' fondata sabiex jixxellef id-dubju fl-imparzjalità tal-ġudikant.

"Illi l-aħħar argument tal-appellant huwa fis-sens li s-soċjetà Maltija hija soċjetà fejn il-familja tingħata importanza u għalhekk skont l-appellant dan imwassal għal osservatur Malti sabiex jipperċepixxi parzjalità fil-ġudikant. L-appellat jissottometti li bir-rispett kollu l-appellant qiegħda tinjora kompletament l-preżunzjoni ta' imparzjalità li tiċċirkonda lil kull ġudikant. Illi kif ben osservat l-ewwel qorti "Premess dan kollu, hija l-fehma konsiderata ta' din il-qorti illi fil-każ tal-lum ir-relazzjoni tal-ġudikant fil-kawża in kwistjoni (fis-sens mill-aktar wiesa' tal-

> kelma) ma' *partner* jew ma' impjegata fid-ditta ta' avukati li qed jippatroċinaw lil xi intimati fil-kawża in kwistjoni hija bil-wisq remota sabiex iġġib magħha dubju leġittimu dwar l-imparzjalità tal-qorti, u dan kemm għall-fini tat-test soġġettiv kif ukoll għal dak oġġettiv. Fil-fehma tagħha, daqstant konsiderata, din il-qorti tgħid illi fil-każ tal-lum ma hemmx fatti jew ċirkostanzi daqstant gravi jew impellenti li jagħtu lok għal dubji serji li l-ġudikant mhijiex sejra tkun imparzjali".

10. Fir-risposti tagħhom għall-appell intavolat mill-*General Workers Union* is-soċjetà appellata *Automated Revenue Management Services Limited* u l-Kummissarju tal-Artijiet irrimettew ruħhom għad-deċiżjoni ta' din il-qorti.

11. Din il-qorti ser tibda billi tgħid illi taqbel ma' dak li pprovdiet l-ewwel qorti meta qalet hekk:

> "... jista' jkun hemm ċirkostanzi fejn, minkejja li raġuni għall-astensjoni jew ir-rikuża ta' ġudikant ma tkunx taqa' taħt xi waħda mid-dispożizzjonijiet tal-Kap. 12, jista' jkun hemm raġunijiet tajbin biżżejjed f'kuntest aktar wiesgħa sabiex ġudikant ma jibqax jisma' kawża sabiex ikun hemm serħan tal-moħħ li fit-trasparenza qiegħed jitħares il-jedd ta' smigħ xieraq ta' xi parti fil-kawża."

12. Mill-perspettiva kostituzzjonali japplikaw konsiderazzjonijiet oħrajn barra dawk li jissemmew fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

13. Il-pern tal-kwistjoni li din il-qorti għalhekk ġiet mitluba tiddetermina fl-appell imressaq mill-*union* huwa jekk hemmx raġunijiet li oġġettivament jiġġustifikaw il-biża' ta' parzjalità fl-Imħallef Padovani Grima fil-proċeduri ċivili fl-ismijiet <u>Onorevoli Kap tal-Oppożizzjoni Dr Simon Busuttil *et v.* Josef Bugeja noe et</u> (rikors ġuramentat numru 109/2017).

14. Kif ipprovdiet din il-qorti fis-sentenza mogħtija fis-7 ta' Marzu 2017 fl-ismijiet Lawrence Grech *et v.* L-Avukat Ġenerali *et*:

> "12.… Għalkemm dak li tħoss jew taħseb jew tibża' parti f'kawża dwar il-parzjalità jew imparzjalità tal-ġudikant huwa wkoll relevanti għall-għanijiet tal-imparzjalità, ma huwiex il-kriterju determinanti: li hu determinanti hu jekk dak il-biża' jew dik il-preċezzjoni huwiex imsejjes fuq konsiderazzjonijiet oġġettivi hekk li persuna raġonevoli u mingħajr preġudizzji tagħha tasal biex hi wkoll ikollha dubji dwar l-imparzjalità tal-ġudikant.
>
> 13.L-apparenzi wkoll jistgħu jkunu konsiderazzjonijiet oġġettivi li joħolqu dubji. Ukoll jekk ma hemmx rabtiet ġerarkiċi bejn ġudikant u parti fil-kawża, jekk l-apparenzi huma hekk li persuna raġonevoli tista' wkoll mingħajr wisq tiġbid taħseb li hemm dawk ir-rabtiet, id-dubju ta' dik il-persuna dwar l-imparzjalità tal-ġudikant jista' jkun dubju ġustifikat.
>
> 14.Fejn jeżistu dubji bħal dan, ikun fl-interess mhux biss tal-parti li oġġettivament tara raġunijiet ta' parzjalità kontriha li l-ġudikant ma jkomplix jisma' l-każ; ikun ukoll fl-interess tal-parti l-oħra li l-ġudikant, biex jegħleb kull dubju dwar l-imparzjalità tiegħu, ixaqleb imqar b'"eċċess ta' kawtela" favur l-parti l-oħra.
>
> 15.Il-kwistjoni issa hi jekk fil-każ tallum hemmx raġunijiet oġġettivi li f'osservatur raġonevoli u imparzjali jistgħu joħolqu dehra ta' rabtiet bejn ġudikant u parti f'kawża hekk li tiddgħajjef il-fiduċja fl-imparzjalità ta' dak il-ġudikant."

15. Minbarra l-kunsiderazzjonijiet hawn fuq imsemmijin, din il-qorti hija tal-fehma illi għandhom ukoll jiġu kkunsidrati is-segwenti fatturi: i. in-natura tal-kawża; ii. ir-relazzjoni ta' bejn il-membru familjari tal-imħallef sedenti fid-ditta u l-istess imħallef; iii. il-kariga li jokkupa l-membru familjari tal-imħallef sedenti fid-ditta u jekk l-istess membru familjari huwiex ser jipparteċipa fil-qligħ tad-drittijiet ġenerati mill-kawża spettanti lid-ditta li huwa jaħdem magħha.

16. Dwar in-natura tal-kawża in kwistjoni, din il-qorti tosserva li din m'hijiex sempliċement dwar dritt privat iżda hija kawża politika

dwar immobbli miżmuma b'titolu ta' ċens mifdi mingħand il-gvern u għalhekk tattira aktar attenzjoni pubblika.

17. Għalkemm huwa minnu li m'hemm l-ebda konnessjoni familjari bejn l-Imħallef Padovani Grima u l-Avukat Edward DeBono u l-Prokuratriċi Legali Katrina Zammit Cuomo – l-avukat u l-prokuratriċi legali li qegħdin jippatroċinaw lill-atturi fil-kawża, l-istess ma jistax jingħad fir-rigward ta' l-Avukat Kenneth Grima (li jiġi ħu l-istess imħallef), fir-rigward ta' Rowena Grima (li tiġi oħt l-istess imħallef) u, għalkemm fi grad anqas, fir-rigward tal-Avukat Ann Fenech (li hija l-mara tal-kuġin tal-mara tal-avukat Kenneth Grima). Il-konvenuti fil-proċeduri odjerni ma ressqu l-ebda provi biex jirribattu l-presunzjoni li teżisti relazzjoni mill-qrib u familjari bejn l-imħallef Padovani Grima u l-familjari tagħha li jaħdmu mad-ditta *Fenech & Fenech Advocates*.

18. Dwar il-kariga li jokkupaw l-membri familjari tal-imħallef Padovani Grima fid-ditta tal-avukati *Fenech & Fenech Advocates*, din il-qorti tosserva li l-Avukat Kenneth Grima huwa *senior partner* tad-ditta u bħala *senior partner* jipparteċipa fil-qligħ tad-drittijiet ġenerati mill-kawża spettanti lid-ditta li huwa jaħdem magħha.[9] L-istess jista' jingħad fir-rigward ta' l-avukat Ann Fenech li hija l-*managing partner* tal-istess ditta ta' avukati. Il-Prokuratriċi Legali Rowena Grima hija impjegata tal-istess ditta u konsegwentement ma

[9]Ara *foll.* 28, 29, 30, 156 tal-proċess.

tipparteċipax fil-qligħ tad-drittijiet spettanti lid-ditta ġenerati mill-kawża.

19. Fid-dawl tas-suespost, u partikolarment peress li l-kawża in kwistjoni hija kawża politika li għalhekk tattira aktar interess mill-pubbliku in ġenerali u peress ukoll li fl-aħħar mill-aħħar l-Avukat Kenneth Grima – ħu l-Imħallef Padovani Grima – għandu interess fl-andament tal-kawża in kwistjoni għaliex jipparteċipa fil-qligħ tad-drittijiet ġenerati mill-istess kawża, din il-qorti hija tal-fehma illi m'huwiex għal kollox imġebbed il-biża' tal-*General Workers Union* dwar il-parzjalità jew imparzjalità tal-ġudikant. Ma taqbilx għalhekk li r-rabta ta' soċju jew *partner* f'ditta legali hija "raġuni indiretta u remota wisq biex tqanqal dubju leġittimu dwar l-imparzjalità minn osservatur raġonevoli ..."[10]

20. Fiċ-ċirkostanzi għalhekk, ma hijiex irraġonevoli l-perċezzjoni li hemm rabta tal-familjarità bejn l-Imħallef Padovani Grima u d-ditta tal-avukati *Fenech & Fenech Advocates* li tista' tolqot ħażin id-dehra ta' imparzjalità oġġettiva tal-istess imħallef. Id-dubju ma huwiex wieħed li ma jitqiesx oġġettivament ġustifikat ukoll jekk dak id-dubju ma jolqotx l-imparzjalità soġġettiva tal-imħallef.

21. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tilqa' l-appell u tħassar is-sentenza appellata: tipprovdi dwar it-talbiet billi tgħid illi jkun hemm ksur tal-

[10] Ara *fol.* 185 tal-proċess.

jedd tal-*General Workers Union* għal smigħ xieraq jekk ma tintlaqax it-talba ta' rikuża tal-imħallef li qiegħda tisma' l-kawża fl-ismijiet Onorevoli Kap tal-Oppożizzjoni Dr Simon Busuttil *et v.* Josef Bugeja *noe et* (rikors ġuramentat numru 109/2017), u għalhekk tordna li l-kawża ma titkompliex quddiem l-istess imħallef.

22. Fiċ-ċirkostanzi jkun xieraq illi kull parti tħallas l-ispejjeż tagħha iżda l-ispejjeż tar-reġistru jħallashom il-konvenut Avukat Ġenerali.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
gr